

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2021 – L-Italja u Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawżi T-695/17 u T-704/17) ⁽¹⁾

(“Sistema lingwistika – Avviż ta’ kompetizzjonijiet miftuħa għar-reklutaġġ ta’ tradutturi tal-lingwa Ġermaniża, dik Franċiża, Taljana u Olandiża – Limitazzjoni tal-għażla tal-lingwi 2 u 3 tal-kompetizzjonijiet għall-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż – Regolament Nru 1 – Artikolu 1d(1) u (6), Artikolu 27 u Artikolu 28(f) tar-Regolamenti tal-Persunal – Diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa – Interessi tas-servizz – Proporzjonalità – Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2021/C 310/20)

Lingwi tal-kawżi: it-Taljan u l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent fil-Kawża T-695/17: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn P. Ġentili, avvocato dello Stato)

Rikorrent fil-Kawża T-704/17: Ir-Renju ta’ Spanja (rappreżentant: L. Aguilera Ruiz, aġent)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, D. Milanowska, N. Ruiz García u L. Vernier, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tal-avviż ta’ kompetizzjonijiet miftuħa organizzati sabiex jinħolqu listi ta’ riserva għar-reklutaġġ ta’ tradutturi (AD 5) tal-lingwa Ġermaniża (EPSO/AD/343/17), tal-lingwa Franċiża (EPSO/AD/344/17), tal-lingwa Taljana (EPSO/AD/345/17), u tal-lingwa Olandiża (EPSO/AD/346/17) (ĠU 2017, C 224 A, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-695/17 u T-704/17 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) L-avviż ta’ kompetizzjonijiet miftuħa organizzati bil-ħsieb li jiġu stabbiliti listi ta’ riserva għar-reklutaġġ ta’ tradutturi (AD 5) tal-lingwa Ġermaniża (EPSO/AD/343/17), tal-lingwa Franċiża (EPSO/AD/344/17), tal-lingwa Taljana (EPSO/AD/345/17), u tal-lingwa Olandiża (EPSO/AD/346/17) hija annullata.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mir-Repubblika Taljana fil-Kawża T-695/17 u dawk sostnuti mir-Renju ta’ Spanja, fil-Kawża T-704/17.

⁽¹⁾ ĠU C 424, 11.12.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2021 – Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-126/19) ⁽¹⁾

(“Ambjent – Regolament (UE) Nru 517/2014 – Gassijiet serra fluworurati – Allokazzjoni ta’ kwoti għat-taqegħid ta’ idrofluworokarburi fis-suq – Eċċezzjoni ta’ illegalità – Artikolu 16 u Annessi V u VI tar-Regolament Nru 517/2014 – Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni – Obbligu ta’ motivazzjoni”)

(2021/C 310/21)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrent: Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji (Varsavja, il-Polonja) (rappreżentant: A. Galos, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-F. Brakeland, A. Becker, K. Herrmann u M. Jáuregui Gómez, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-kovenuta: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: L. Visaggio, A. Tamás u W. Kuzmienko, aġenti), Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Michoel u I. Tchórzewska, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2018 li talloka lir-rikorrenti kwota ta' 4 096 tunnellata ta' ekwivalenza ta' CO₂ ta' idrofluworokarburi għall-2019.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Krajowa Izba Gospodarcza Chłodnictwa i Klimatyzacji għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha u dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew għandhom ibatu i-ispejjeż rispettivi tagħhom.

(¹) ĠU C 148, 29.4.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2021 – Ċipru vs EUIPO – Filotas Bellas & Yios (Halloumi Vermion)

(Kawżi magħquda T-281/19 u T 351/19) (¹)

“*Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattivi Halloumi χαλλούμι Vermion grill cheese/grill est/grill kase M BELAS PREMIUM GREEK DAIRY SINCE 1927 – Trade marks ta' ċertifikazzjoni nazzjonali verbali preċedenti ΧΑΛΛΟΥΜΙ HALLOUMI – Mala fide – Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Raġuni relattiva għal invalidità – Artikolu 53(1)(a) u Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li saru l-Artikolu 60(1)(a) u l-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament 2017/1001)*”

(2021/C 310/22)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, S. Baran, barrister, u V. Marsland, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Filotas Bellas & Yios AE (Alexandreia Imathias, il-Greċja)

Suġġett

Rikorsi ippreżentati kontra d-deċiżjonijiet tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Frar 2019 (Każ R 2298/2017-4), u tad-9 ta' April 2019 (Każ R 2297/2017-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u Filotas Bellas & Yios

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.